**26 ta' Novembru, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Francesca Mizzi

**Prostituzzjoni — "Short Title" — Provi — Art. 10 tal-Kap. 102.**

*Id-dispost tal-liġi li tipprojbixxi lis-sid, jew kull min għandu taħt idejh l-amministrazzjoni ta' dar jew fond ieħor, li xjentement jagħti b'kiri jew jippermetti l-użu tagħhom għal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet oħra immorali, japplika anki għall-każ ta' mara li tkun is-sid ta' post u fih tipprostitwixxi ruħha hija biss.*

*Ma hux argument kuntrarju għal din il-konklużjoni x-"short*

*title" tal-liġi, li hu dak ta' "qirda tal-kummerċ fil-prostituzzjoni"; għaliex, apparti li x-"short title" ma hux dejjem komprensiv tal-ipotesijiet kollha tal-liġi li lilha jkun ġie mogħti, hemm ukoll ir-rifless illi s-sid ta' fond, li tkun mara dedita hi stess għall-prostituzzjoni f'dak il-fond, qegħdha wkoll preżumibbilment tagħmel kummerċ mill-prostituzzjoni, għad li tagħha nnifisha.*

*Fl-appell ma jistgħux jinġiebu provi li ma ġewx prodotti quddiem l-Ewwel Qorti, jekk ma jirrikorri ebda motiv legali għall-produzzjoni ta' dawn il-provi. Jekk mbgħad, f'kawża li saret quddiem il-Qorti Istruttorja, id-difiża tkun irriżervat li tagħmel il-provi tagħha fi stadju ieħor tal-kawża, u jekk il-każ jiġi rimess lill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Kriminali Ġudikatura, id-difiża ma titlobx li ġġib il-provi tagħha, anzi tirrimetti ruħha, ma tistgħax tiġi ammessa ġġib dawk il-provi fl-appell, billi ma jkun jirrikorri ebda motiv għall-produzzjoni fit-tieni istanza ta' provi li ma sarux fil-prima istanza.*

Il-Qorti:— Rat l-atti tal-kumpilazzjoni miġbura fuq l-akkuża miġjuba mill-Pulizija kontra l-imputata quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja, talli l-Hamrun, f'dawn l-aħħar tliet xhur, bħala sid il-post numru 80 fil-garage numru 20, Villambrosa Street, għamlet użu mill-imsemmi post għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali;

Rat l-att tal-Attorney General tas-26 ta' Settembru 1960, li bih dawn l-attijiet ġew mibgħuta lura lil dik il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabiex l-istess tiddeċidi taħt dak li hemm maħsub fl-art. 10 tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni (Kap. 102 tal-Liġijiet ta' Malta) u fil-Government Notice numru 337 tal-1940;

Rat is-sentenza tal-Ewwel Qorti tat-12 ta' Ottubru 1960, li biha ddeċidiet illi l-fatti imputati kontra l-imsemmija Francesca Mizzi ma jikkostitwux reat, u għalhekk il-Qorti ordnat li l-imputata tiġi liberata;

Dik il-Qorti kkunsidrat;

Il-Prosekuzzjoni qegħdha tibbaża l-akkuża fuq l-art. 10 tal-Kap. 102. Dan l-artikolu jiddisponi:— "Is-sid, jew kull min għandu taħt idejh l-amministrazzjoni ta' dar jew fond ieħor, li xjentement jagħti b'kiri jew jippermetti l-użu tagħhom għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali, jeħel, meta jinstab ħati......" Kif jirriżulta ċar mis-sempliċi qari ta' din id-dispożizzjoni, il-liġi teħtieġ li s-sid "xjentement jagħti b'kiri jew jippermetti l-użu tal-post għal skop ta' prostituzzjoni". Issa, fil-fatt il-Prosekuzzjoni ma tallegax li l-imputata għamlet dan, imma tippretendi li l-imputata, li inċidentalment hija sid il-post fejn hija tabita, użat għall-prostituzzjoni dan il-post. Però l-liġi, f'din id-dispożizzjoni, ma tolqotx lil min juża fond għall-prostituzzjoni, imma lis-sid tal-fond li xjentement jippermetti jew jikri l-fond għall-prostituzzjoni;

Dan jirriżulta aktar ċar jekk aħna neżaminaw id-dispożizzjonijiet l-oħra tal-istess Kapitolu 102 tal-Liġijiet ta' Malta. Kif jgħid biċ-ċar it-titolu tal-Ordinanza VIII tal-1938, din il-liġi hija ntiża għall-"Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni", u mhux għall-qirda tal-istess prostituzzjoni. Inoltre, dik il-liġi televa għal reat il-fatt ta' min iġiegħel mara tal-età jew tifla ta' taħt l-età biex titlaq minn dawn il-Gżejjer għal skop ta' prostituzzjoni, il-fatt ta' min iżomm mara jew tifla f'burdell kontra r-rieda tagħha, il-fatt ta' min jgħix minn fuq il-qliegħ tal-prostituzzjoni, il-fatt ta' min jeżerċita burdell, il-fatt ta' min iħalli jew jippermetti li ħanut, alloġġ jew lukanda, jiġu wżati għal skop ta' prostituzzjoni, u l-fatt ta' min jikri fond biex jiġi wżat għall-prostituzzjoni; imma l-ebda dispożizzjoni ta' din il-liġi ma tikkolpixxi l-fatt ta' mara li tipprostitwixxi ruħha;

Barra minn dan, jidher ċar li l-imsemmija dispożizzjoni tal-art. 10 tikkolpixxi lis-sid li jippermetti l-użu minn ħadd ieħor, u mhux lis-sid li hu stess jagħmel użu. Infatti, l-art. 12 jikkommina pieni għal min ma jieħux passi biex jiżgombra nies minn fond użat għal skopijiet immorali. Hekk ukoll, il-Qorti Kriminali f'sedi ta' Appell, in re "Pulizija vs. Salvu Muscat", 22 ta' Mejju 1954, osservat li l-art.

10 "jikkontempla l-każ ta' sid jew amministratur ta' post li jikrieh, jew jippermetti lill-kerrej jew utent iehor tieghu li jużah, ghal skopijiet ta' prostituzzjoni jew skopijiet ohra immorali";

Huwa elementari illi, trattandosi ta' liġi kriminali, ma hija permessa ebda nterpretazzjoni estensiva; u ghalhekk id-dispożizzjoni in kwistjoni ma tistghax tiġi nterpretata fis-sens li hija tolqot ukoll lil min juża l-fond ghall-prostituzzjoni ghalkemm inċidentalment huwa proprjetarju ta' dak l-istess fond;

Ma ġiex pruvat, u del resto lanqas allegat, li l-imputata dahhlet xi mara ohra barra minnha f'dan il-post taghha ghal skopijiet ta' prostituzzjoni;

Rat ir-rikors tal-Attorney General, li bih appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata, u li l-imputata tiġi misjuba hatja u kundannata skond il-liġi;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Ma hux kontrastat, ghall-finijiet tal-kwistjoni legali, li l-appellanti, li hi sid il-post, kienet iddahhal fih irġiel ghal skopijiet illeċiti maghha stess, iżda mhux ma' nisa ohra;

Id-dispożizzjoni li tahtha nġiebet l-imputazzjoni tghid hekk:— "Is-sid jew kull min ghandu taht idejh l-amministrazzjoni ta' dar jew fond iehor, li xjentement jaghti b'kiri jew jippermetti l-użu taghhom ghal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet immorali, jehel eċċ......";

L-Ewwel Qorti argumentat li dan l-artikolu mhux applikabbli ghal każ bhal dak preżenti, li fih mara, li tkun sid il-post, tipprostitwixxi ruhha, hi biss, fl-istess post; ghaliex, kif irraġunat dik il-Qorti, b'daqshekk hi ma tkunx qeghda tippermetti l-użu tieghu ghal dawk l-iskopijiet lil hadd iehor. Din il-Qorti, bir-rispett kollu ghall-ewwel ġudikant, ma thossx li tista' taqbel ma' din il-konklużjoni;

għaliex l-imputata, li hi sid il-post, bil-fatt li daħħlet fih irġiel *għal skopijiet immorali, sija pure magħha* biss, ġiet li ppermettiet l-użu ta' dak il-post lil dawk l-irġiel għal skopijiet immorali. Il-vizzju tar-raġunament tal-Ewwel Qorti kien dan — illi dik il-Qorti ħarset biss lejn l-iskopijiet immorali mill-punto di vista tal-mara, li kienet l-imputata, u li bħala sid il-post ma setgħetx tingħad li tippermetti lilha nnfisha l-użu tiegħu, għax "nemini servit res propria", imma hemm anki l-aspett l-ieħor, għaliex bl-istess att hi ġiet li kienet qegħdha tippermetti lil dawk l-irġiel li daħħlet li jużaw il-post għal skopijiet illeċiti, sija pure magħha biss;

Kieku d-dispożizzjoni tal-liġi in materja kienet talment konċepita li minnha l-interpreti kien ikollu inevitabbilment jinduċi distinzjoni bejn sid (jew amministratur) ta' fond konċedenti, minn naħa waħda, u, minn naħa l-oħra, mara konċessjonarja, allura kienet tkun sewwa l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti, bħal li kieku fil-liġi ntqal hekk:— "Is-sid, jew kull min għandu taħt idejh l-amministrazzjoni ta' dar jew fond ieħor xjentement jagħti b'kiri jew jippermetti l-użu tagħhom *lil xi mara għal skop ta' prostituzzjoni jew għal* skopijiet oħra immorali......" Imma l-liġi ma għamlet ebda ndikazzjoni limitattiva tal-konċessjonarju, u qalet biss:— "Is-sid, jew kull min għandu taħt dejh l-amministrazzjoni ta' dar jew fond ieħor, li xjentement jagħti b'kiri jew jippermetti l-użu tagħhom għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet immorali......" U s-sid, li tkun mara u ddaħħal irġiel ġewwa l-post tagħha, tkun qegħdha appuntu tippermetti l-użu tiegħu lil dawk l-irġiel għal skop tal-prostituzzjoni tagħha;

Il-liġi, wieħed jinnota, ma qalet xejn li bih fissret li l-mara li tipprostitwixxi ruħha ma' tistgħax tkun is-sid stess; basta, biex wieħed ikun in armonija mal-konklużjoni tal-liġi, li jkun hemm xi ħadd estraneu għas-sid li jkun qiegħed jiffruwixxi mill-permess tas-sid; f'dan il-każ jiffruwixxu l-irġiel li ddaħħal il-mara li tkun sid il-post;

Ma jidherx li x-"short title" tal-liġi, li hi dwar "il-qirda tal-kummerċ *fil-prostituzzjoni*", u li jissemma fis-sentenza

appellata jista' jkun argument kuntrarju għat-teżi tal-Prosekuzzjoni; għaliex, apparti li x-"short title" ma hux, "per necessità di cose", dejjem komprensiv tal-ipotesijiet kollha tal-liġi li lilha jkun mogħti, kemm ukoll ir-rifless li s-sid ta' fond, li tkun mara dedita hi stess għall-prostituzzjoni f'dak il-fond, qegħdha wkoll preżumibbilment tagħmel kummerċ mill-prostituzzjoni, għad li tagħha nnfisha. Infatti, il-fond, bil-gwadanji loski tagħha, ikun qiegħed jirrendilha ferm aktar minn dak li kienet iġġib bl-użu normali tiegħu;

Il-fatt, mbgħad, li l-"id quod plerumque accidit" hu l-każ ta' sid u persuna diversa ma jeskludix li l-ipotesi tal-liġi tista' wkoll tapplika, bla ebda neċessità li tiġi sfruttata jew estiża, għall-każ ta' sid li tkun mara u tipprostitwixxi lilha nnfisha; liema każ ukoll jattalja ruħu għad-diċitura tal-artikolu, li ma teskludix, kif ingħad, dik il-fattispeċje;

Fil-meritu;

Kwantu għall-fatti. dawn ġew eżuberantement pruvati bid-depożizzjonijiet li hemm fil-proċess. Id-Difiża talbet li tagħmel xi provi f'din is-sedi in kontestazzjoni. Il-Prosekuzzjoni però opponiet, għaliex ma jirrikorri ebda motiv legali; u anki għaliex id-Difiża, wara li kienet għamlet is-solita riżerva quddiem il-Qorti Istruttorja, mbgħad, meta l-każ ġie rimess lill-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. id-Difiża, fol. 18, ma għamlet ebda talba għal provi, anzi d-Difiża, skond dak il-verbal, irrimettiet ruħha. Il-Qorti, data l-oppożizzjoni tal-Prosekuzzjoni, ma tistgħax tammetti dawn il-provi; għaliex ma jirrikorri ebda motiv għall-produzzjoni in sekonda istanza ta' xhieda mhux prodotti in prima istanza;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata tiddikjara lill-imputata ħatja għat-termini tal-imputazzjoni, u wara li rat l-art. 10 Kap. 102 Ediz. Riv.. tikkundannaha għall-piena tal-lavuri furzati għal żmien xahar.